**15 ta' Ottubru, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Alessandro Mallia

*versus*

Carmelo Spiteri

**Skultur — Ħlas tal-Mudelli.**

*Fin-nuqqas ta' ftehim kuntrarju, jekk artist jeżegwixxi xi mudelli jew buzzetti ta' xogħol li kellu jsir, hu dovut kumpens għal dawk il-mudelli jew buzzetti jekk l-opra ma ssirx jew tiġi eżegwita minn artist ieħor. Għaldaqstant, jekk skultur jiġi nkarigat jagħmel abbozz ta' statwi bl-intiża illi l-istatwi jsiru jekk l-abbozz jingħoġob, u mbagħad dan jingħoġob imma l-opra ma ssirx, dak l-iskultur huwa ntitolat għal kumpens għall-abbozzi li għamel.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li bih l-attur talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, il-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat iħallsu s-somma ta' £22 għall-prezz ta' erbgħa buzzetti ta' statwi u żewġ statwetti li fuq ordni tiegħu ħadimlu u kkonsenjalu. Bl-ispejjeż, u bl-imgħax skond il-liġi;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Mejju 1962 li biha ġiet milqugħa t-talba. bl-imgħax minn dak inhar tas-sentenza u bl-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi mhux kuntrastat li xi xhur qabel Novembru 1960 il-konvenut inkariga lill-attur, li huwa skultur, jagħmillu erbgħa buzzetti ta' statwi rappreżentanti erbgħa filosofi, u qallu biex ifittex ilestihom għaliex kienu jridu jarawhom in-nies tal-post, u biex, jekk jingħoġbu, isir il-ġbir għali-

hom, u l-istatwi l-kbar kienu lesti għall-festa' ta' Santa Caterina taż-Żejtun, li tiġi ċelebrata fil-25 ta' Novembru. Xi ġimgħatejn wara l-imsemmi nkarigu, il-konvenut inkariga wkoll lill-attur jirriproduċilu żewġ statwetti, rappreżentanti waħda Sant'Anna u l-oħra San Ġwakkin, in sostituzzjoni ta' tnejn oħra li kien għamillu qabel u li kienu nkisru. L-attur il-buzzetti lestihom, u l-konvenut ħadhom minn għandu fl-4 ta' Lulju 1960. Anki l-istatwetti l-attur lestihom u kkonsenjahom lill-konvenut;

L-attur qiegħed jippretendi l-ħlas ta' £5 għall-buzzetti, u ta' £1 l-waħda għall-istatwetti. Hu jgħid li talab lill-konvenut iħallsu għax-xogħol li għamillu, u anki bagħatlu l-kont fuq rikjesta tiegħu, imma l-konvenut baqa' ma ħallsux;

Mill-provi tal-konvenut jirriżulta li, meta hu lill-attur taħ l-inkarigu għall-buzzetti, kien qallu li jekk ma jinġingħoġbux, u kwindi ma jsirx ġbir għalihom, il-kbar ma jsirux. Il-buzzetti jidher li ngħoġbu, għaliex inġabru xi flus għalihom; skond ma jgħid ix-xhud Consiglio Ellul, inġabru żgur £15. 13. 0d, u l-konvenut huwa lest biex lill-attur jordnalu jagħmillu l-istatwi tal-erbgħa buzzetti meta jinġabru l-flus; u li rigward l-istatwetti l-konvenut jallega li, meta nkariga lill-attur jagħmilhomlu, l-attur ma riedx jitħallas tagħhom, għaliex qallu li kien sejjer jagħmillu l-istatwi tal-erbgħa filosofi;

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-attur huwa ntitolat għall-ħlas tax-xogħol li nkarigah jagħmillu l-konvenut, kif ser jingħad;

Rigward il-buzzetti, l-attur jgħid li, meta l-konvenut ħadom minn għandu, kien qallu li kellu jmur ikellmu, imma, għalkemm waslet u għaddiet il-festa ta' Santa Caterina, jiġifieri erbgħa xhur u nofs wara li kien ħadhom, il-konvenut ma kellmu xejn; li hu mar ifittxu u fl-aħħar sabu fl-okkażjoni tal-festa ta' San Andrea Ħal-Luqa, li tiġi ċelebrata fit-30 ta' Novembru u qallu li ried jitħallas għal dawk il-buzzetti u statwetti, u li l-konvenut qallu biex jibagħatlu l-kont tal-prezz tagħhom biex iħallsu, imma, għalkemm il-kont bagħatulu, il-konvenut ma rrispondieh xejn,

lanqas wara li hu nterpellah b'ittra bonarja permezz tal-konsulent legali tiegħu. Il-konvenut jgħid li, meta ħa l-buzzetti, kien ftiehem mal-attur li jħallsu meta jinġabru l-flus mill-poplu. F'din iċ-ċirkustanza l-konvenut jinsab kontraddett minnu stess, billi hu jgħid li, meta ordnalu l-erbgħa buzzetti, lill-attur qallu li l-istatwi relattivi ma kellhomx isiru jekk il-buzzetti ma jingħoġbux — ċirkustanza li tirriżulta wkoll mix-xhieda tal-attur; u għalhekk, dak inhar li ħa l-buzzetti minn għand l-attur, il-konvenut lil dan ma setgħax qallu kif jgħid hu, għaliex kien għadu ma jafx jekk dawk il-buzzetti kienux sejrin jingħoġbu, u kwindi jekk kienx sejjer isir ġbir għalihom. Barra minn dan, il-konvenut ma jikkontraddiċix lill-attur meta dan jgħid li talbu jħallsu u li hu qallu biex jibgħatlu l-kont, u kwindi, darba li kien hemm din it-talba għall-ħlas, il-konvenut kien naturalment jgħid lill-attur li jħallsu wara li jinġabru l-flus, kieku kien hemm il-ftehim minnu allegat—ħaġa li ma jirriżultax li għamilha, anzi, skond ma jgħid l-attur, mhux kontraddett, il-konvenut qallu biex jibgħatlu l-kont. Il-pretensjoni tal-attur ma kienetx talvolta tkun ġustifikata kieku l-buzzetti ma ngħoġbux, għaliex anki l-attur jirrikonoxxi li l-konvenut kien qallu illi l-istatwi relattivi kellhom isiru jekk il-buzzetti jingħoġbu. Però jirriżulta li l-buzzetti ngħoġbu, għaliex il-konvenut stess jgħid li nġabru xi flus biex isiru l-istatwi fuqhom, u, kif ingħad, ix-xhud Consiglio Ellul jgħid li nġabru £15. 13. 0d. Imma, skond ma jgħid dan ix-xhud, ma hemmx interess li dawn l-istatwi jsiru, għalkemm ingħoġbu l-buzzetti tagħhom; u ġbir għalihom mhux qiegħed isir iżjed. Evidentement, l-attur ma għandux ibati l-konsegwenzi ta' din in-nonkuranza tal-konvenut; apparti li ma jirriżultax kif ġa ngħad, li kien hemm il-ftehim allegat mill-konvenut;

Rigward l-istatwetti, l-attur korroborat minn martu Maddalena, jgħid li l-konvenut ried iħallsu dak inhar stess li nkarigah jagħmilhomlu, imma hu qallu biex iħallsu aktar tard għaliex ma kienetx xi biċċa xogħol kbira. Din iċ-ċirkustanza tiskaturixxi anki minn dak li jgħid il-konvenut. Infatti, dan jgħid li l-attur ma ried xejn tal-istatwetti, billi qallu:— "Jiena minhix ser naħdmilkom?", jiġifieri kien qiegħed jirriferixxi għall-erbgħa statwi li kellu jaħdem; u darba li qallu hekk lill-konvenut, bilfors li dan lill-attur

ried iħallsu għall-istatwetti. Issa, il-kliem li l-attur qal lill-konvenut, skond ma dan jgħid, lanqas ma jfisser li hu ma ried xejn għax-xogħol tagħhom jekk kellu jagħmel l-istatwi; u kwindi, darba li l-istatwi mhux ser jagħmilhom, l-attur għandu jħallas ukoll għal dawn iż-żewġ statwetti. Dan apparti miċ-ċirkustanza deposta mill-attur, u mhux kontraddetta mill-konvenut, ġa riferita, li l-attur kien talab il-ħlas ta' dawn iż-żewġ statwetti lill-konvenut, u dan qallu biex jibgħatlu l-kont tal-prezz tagħhom flimkien ma' dak tal-erbgħa buzzetti;

Illi, rigward l-ammont pretiż mill-attur, mhux f'kontestazzjoni li ma kienx sar ftehim fuq il-prezz bejn il-kontendenti. Kif ingħad aktar il-fuq, l-attur jippretendi l-ħlas ta' £5 għal kull buzzett, u £1 għal kull statwetta, ċjoè b'kollox £22, liema ammont ġie mitlub minnu lill-konvenut permezz tal-kont li bagħatlu b'rikjesta tiegħu. Il-konvenut jallega li l-ammont mitlub mill-attur huwa eżaġerat; imma ebda prova, jew indizju ta' prova, ma nġiebet minnu rigward daqshekk, u fiċ-ċirkustanzi din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha b'xi mod timmodifika l-istess ammont kif pretiż mill-attur;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut, li appella missentenza fuq imsemmija tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, u rat il-petizzjoni tal-istess konvenut appellant, li biha talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija u ċ-ċaħda tat-talba tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta li l-appellant inkariga lill-attur, li huwa skultur, biex jagħmillu riproduzzjoni ta' żewġ statwetti ta' Sant'Anna u ta' San Ġwakkin bħal dawk li l-attur kien għamillu qabel u li kienu nkisru; u nkarigah ukoll jlestilu erbgħa buzzetti ta' erbgħa statwi kbar rappreżentanti filosofi, bil-ħsieb imfisser li, jekk il-buzzetti jingħobu, jinġabru l-flus u jsiru minn għand l-attur l-istatwi l-kbar. L-attur lesta u kkunsinna lill-appellant sew il-buz-

zetti kemm l-istatwetti. Fuq prezz ma sar ebda ftehim preventiv; u l-istatwi l-kbar ma sarux;

Tal-istatwetti l-attur talab £1 il-waħda. Iżda l-appellant jippretendi li tagħhom l-attur ma kellux jieħu flus, in vista tal-fatt li kellu jaħdem l-istatwi l-kbar fuq il-buzzetti. Iżda l-fatt stess li oriġinarjament l-appellant offra li jħallsu tagħhom jeskludi l-gratuwità; u ladarba l-istatwi l-kbar ma sarux, ma setgħax kien hemm xi kompensazzjoni tax-xogħol tal-istatwetti b'dak ix-xogħol l-ieħor tal-istatwi l-kbar. L-appellant ma jistgħax jippretendi li l-attur kellu jaħdimlu l-istatwetti b'xejn;

Fuq il-buzzetti rriżulta li ebda ftehim ma kien hemm li l-attur ma kellux jitħallas tagħhom. Dawn kellhom iservu biex fuqhom isiru l-istatwi l-kbar kemm il-darba jingħoġbu. Fil-fatt il-buzzetti ngħoġbu, tant li kien beda jsir il-ġbir għall-istatwi. Iżda naqas l-interess, u l-appellant ma ssoktax bil-proġett tal-istatwi l-kbar, u għalhekk l-istatwi ma sarux. Evidentement, li kieku l-attur ġie kummissjunat jaħdem l-istatwi l-kbar, tal-buzzetti ma kienx jistenna ħlas separat, iżda, kif ordinarjament isir, kien ikun kompensat tagħhom bil-prezz tal-istatwi. Iżda la darba l-istatwi ma sarux, b'dan kollu li l-buzzetti ntgħoġbu, ma jiftiehemx b'liema raġuni l-appellant jista' jippretendi li tal-buzzetti l-attur ma għandu jieħu xejn. L-appellant stess kien konvint li l-attur ma kienx qiegħed jaħdem ta' xejn, għax meta rċieva l-buzzetti talab il-kont lill-attur. Kif qalet din il-Qorti Ċivili Prim' Awla fis-sentenza tal-14 ta' Diċembru 1908 in re "Palombi vs. Debono", fuq il-ġurisprudenza fiha ċitata:— "In diritto all'artista, in difetto di convenzione in contrario, è dovuto un compenso per il disegno od il modello da lui eseguito, quando l'opera non fosse eseguita o venisse commessa ad un altro artista" (Kollez. Vol. XX-II-394);

Ikkunsidrat;

Illi l-prezz tal-istatwetti b'£1 l-waħda jidher ferm moderat kif jidher ukoll moderat il-prezz ta' £5 l-wieħed tal-buzzetti. U tabilħaqq, fix-xogħol tal-artista barra mill-kapaċità personali tiegħu u x-xogħol materjali, wieħed għan-

du jieħu wkoll fil-konsiderazzjoni l-oriġinalità tal-idea, li għandha l-valur tagħha; u, kif xehed l-attur, il-buzzetti kienu oriġinali, u mhux kopja ta' oħrajn;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk tal-Ewwel Qorti, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.